**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 9 ta' Ottubru, 2024**

Numru 6

**Appell Nru. 24/2024**

**Luana Arena Micallef**

**vs**

**L-Awtorita’ ghall-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-ERA tal-24 ta’ April 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta’ April 2024 li biha laqa’ limitatament l-appell ta’ Luana Micallef fejn ordna li issir revizjoni tal-kundizzjoni tal-multa imposta ghal kull gurnata imposta mill-ERA liema multa kellha tkun sospiza mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni ta’ zvilupp EP1000/21 rigward proposta ’To operate a laundry and dry cleanng installation’, fin-Naxxar;

Rat ir-risposta tal-applikanta li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk fil-parti relevanti :

Ikkunsidra
It-Tieni, it-Tielet u r-Raba Aggravji
Illi dawn l-aggravji huma fil-konfront tal-multa imposta, fejn fit-tieni u r-raba aggravji jigi argumentat li din hija ngusta u mhux gustifikata, u li kien hemm nuqqas li 1-ERA tipprovdi *breakdown* tal-multi ghal kull gurnata imposti minnha. Fit-tielet aggravju jigi argumentat li l-ordni tal-waqfien u 1-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess ghandhom jinzammu separati u distinti.
Illi fir-risposta tal-ERA jigi ndikat li l-valur tal-multa tirrifletti l-multa ta' kuljum (skont liskeda applikabbli tal-legislazzjoni sussidjarja 549.72) li bdiet tiddekorri mis-16 il-gurnata sad-data tal-għeluq tal-Ordni ta' Waqfien u Konformità OWK 35/20, u li din l-ordni hija soggett ghal appell numru 07/21.
It-Tribunal josserva li hemm nuqqas ta' qbil bejn l-appellanti u l-Awtorita fir-rigward ta' jekk l-operat in kwistjoni tkompliex sakemm jinhareg il-permess ambjentali EP/01000/21, pero in ogni kaz dan huwa mertu tal-appell numru 07/21 fil-konfront tal-Ordni ta' Waqfien u Konformità OWK 35/20. Illi l-imsemmi appell numru 07/21 gie mismugh u ricentament deciz mit-Tribunal diversament kompost, b'dan gie michud [Decizjoni datata 7 ta' Marzu, 2024] u konsegwentament l-Ordni ta' Waqfien u Konformità OWK 35/20 jibqa applikabli.
Illi l-appellanta targumenta wkoll skont 1-Artikolu 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.72, ilmulti ta' kuljum kellhom jigu sospizi ta' lanqas mid-data tal-intavolar tal-appell bin-numru 07/21 sad-data tad-decizjoni, u dan anke in vista li hija pprocediet bl-applikazzjoni ghal permess ambjenti u d-dewmien min-naha tal-ERA waqt l-ipprocessar ta' din l-applikazzjoni.
It-Tribunal jaqbel mal-appellanti li l-applikazzjoni ambjentali u l-ordni ta' waqfien huma zewg processi separati u distinti minn xulxin, pero dawn huma wkoll dipendenti minn xulxien ghaliex hekk kif gie ndikat mill-ERA l-applikazzjoni EP/01000/21 giet sottomessa b'reazzjoni ghall-Ordni ta' Waqfien OWK 35/20, u l-approvazzjoni tal-applikazzjoni serviet ukoll sabiex jkun jista jinghalaq OWK 35/20.

Illi fir-risposta tal-ERA ssir referenza ghall-Artikolu 60(1) tal-Kapitolu 549 li jiddisponi ssegwenti:
*"Ebda applikazzjoni jew awtorizzazzjoni m'għandha tiġi pproċessata jew approvata sakemm l-applikant jew min kellu t-titolu qablu ma jkunx ħallas dawk il-multi, djun ċivili lill-Awtorità, jew pagamenti oħra dovuti fuq is-sit jew operat li huwa soġġett għall-applikazzjoni"*

Illi mis-suespost huwa pjuttost car li gialadarba l-applikazzjoni odjerna kienet intiza sabiex ikun hemm rimedju fir-rigward tal-operat kolpit bl-Ordni ta' Waqfien OWK 35/20, l-ERA kienet obbligata li timponi l-multa rispettiva skont il-ligi. Dan anke in vista tal-Artikolu 78 tal-istess Kapitolu 549, li jiddisponi s-segwenti:
*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti magħmula taħt dan l-Att, u għas-setgħat tal-Awtorità stabbiliti fl-artikolu 77, meta operat jew sit ikun soġġett għal ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità, u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità ma jiġux osservati, **l-operat jew is-sit għandu jkun soġġett għal multa ta' kuljum** li tibda takkumula mid-data meta l-ordni għal waqfien jew l-ordni ta' konformità ġew notifikati għall-ewwel darba lil xi waħda mill-partijiet skont id-dispożizzjonijiet talartikolu 76. Kull persuna soġġetta għal ordni għal waqfien li tonqos milli tobdi l-imsemmi ordni, jew inkella meta ma jkunx sar appell kontra ordni ta'konformità jew ikun sar appell minn ordni ta' konformità iżda danikun ġie kkonfermat, skont il-każ, u l-persuna li hi soġġetta għall-ordnita' konformità tonqos milli tobdi dak l-ordni fiż-żmien stabbilit fl-ordni stess, dik il-persuna għandha teħel penali li ma taqbiżx il-mija uħamsin euro (€150) għal kull ġurnata li matulha jissokta dak in-nuqqas wara l-iskadenza taż-żmien li jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità taħt ir-*

*regolamenti msemmija; u l-Awtorità tista' tirkupra dik il-penali millimsemmija persuna bħala dejn ċivili dovut lilha."* [enfasi mizjuda mit-Tribunal]

Illi madankollu hekk kif gie ndikat mill-appellanti, 1-Artikolu 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.72 wkoll jirrigwarda multi kull gurnata, u jiddisponi hekk kif gej:
*"Kull meta l-Awtorità titlob is-sottomissjoni ta' Dikjarazzjoni tal-Metodu jew* ***kwalunkwe dokument jew sottomissjonijiet oħra mill-persuna suġġetta għal multa għal kull ġurnata biex jispjega l-azzjonijiet ta' rimedju li ser jittieħdu biex ikunu rrimedjati loffiżi suġġetti għal multa għal kull ġurnata, l-Awtorità għandha temporanjament twaqqaf milli jkomplu jakkumulaw il-multi għal kull ġurnata sakemm l-Awtorità tipproċessa d-dokumentazzjoni sottomessi lilha****, liema multi għalkull ġurnata għandhom jerġgħu jibdew jakkumulaw mill-jum lirisposta formali tingħata mill-Awtorità jew wara d-data futuraindikata fir-risposta bil-miktub mogħtija mill-Awtorità sakemm issottomissjonijiet ma jissodisfawx it-talba tal-Awtorità.*[enfasi mizjuda mit-Tribunal]*"*

Illi hekk kif indikat mill-istess ERA, l-applikazzjoni odjerna u l-approvazzjoni taghha huma ntizi sabiex jindirizzaw l-Ordni ta' Waqfien OWK 35/20, u gialadarba dan huwa rimedju accettabli f'ghajnejn din l-Awtorita, skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.72, *"l-Awtorità għandha temporanjament twaqqaf milli jkomplu jakkumulaw il-multi għal kull ġurnata sakemm l-Awtorità tipproċessa d-dokumentazzjoni sottomessi lilha."*
Illi ghaldaqstant, il-multi ta' kuljum kellhom jigu sospizi fil-mument li giet sottomessa lapplikazzjoni odjerna, ossia fl-4 ta' Jannar 2021 [Skont kif indikat fir-risposta finali tal-ERA datata 19 t'Ottubru 2022], u konsegwentament it-Tribunal jilqa` limitatament it-tieni aggravju billi jordna li jkun hemm revizjoni tal-multi ghal kull gurnata li jkunu sospizi minn din id-data.

Il-Hames, is-Sitt u s-Seba Aggravji
Illi dawn l-aggravji huma fil-konfront tal-garanzija bankarja imposta, fejn jigi argumentat li din hija ngusta u rragonevoli stante li 1-ligi ma tipprovdiex ghaliha, kif ukoll hija eccessiva partikolarment in vista ta' garanziji bankarji ohrajn imposti mill-ERA fuq operaturi ohra flistess qasam, u anke in vista ta' mizuri implimentati sabiex jitnaqqas l-impatt tal-operat. Illi fir-risposta tal-ERA giet ndikat li *in linea* mas-subartikolu 60(4) tal-Kapitolu 549, hija ghandha kull dritt timponi garanzija bankarja bhala kundizzjoni fil-permess, filwaqt li tispjega li l-valur ta' din tigi kkalkulata skont ir-riskju tal-operat, filwaqt li jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni mizuri implimentati mill-operatur. Tosserva wkoll li garanziji bankarji ohra imposti fuq operaturi fl-istess qasam huma daqs jew sahansitra oghla mill-garanzija imposta fil-kaz odjern.

It-Tribunal josserva li s-subartikolu 60(4) tal-Kapitolu 549 jiddisponi hekk kif segwenti:
*"L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tapprova, jew li tapprova parzjalment, jew li tirrifjuta awtorizzazzjoni, u meta tapprova dik l-awtorizzazzjoni jew inkella tapprovaha parzjalment, lAwtorità jkollha l-jedd li timponi dawk it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u speċifikazzjonijiet approvati li jidhrilha xierqa:*
*Iżda mar-rifjut l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet speċifiċi għal dak ir-rifjut"*

Illi mis-suespost huwa car li f'kaz t'approvazzjoni l-ERA ghanda dritt li timponi *"termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u speċifikazzjonijiet approvati li jidhrilha xierqa"* u fil-fehma tat-Tribunal l-impozizzjoni tal-garanzija bankarja hija wahda min dawn il-kundizzjoni mportanti sabiex jigi assigurat li jigu mpimentati mizuri u titjib fl-operat bl-ghan li jitnaqqas l-impatt ambjentali.
Illi fir-rigward tal-valur tal-garanzija bankarja, l-appellant jindika li diskrezzjoni moghtija lilAwtorita hija perikoluza, filwaqt li fir-risposta tal-ERA gie indikat li l-valur ta' din huwa kkalkulat skont ir-riskju tal-operat tenut kont ukoll tal-*improvement programme items* li jigu identifikati fil-process tal-applikazzjoni li facilita jkun jonqosha taghmel f'termini ta' operat.

It-Tribunal josserva ghalkemm fis-sitt u s-seba aggravji jigi allegat li l-valur tal-garanzija ma jirriflettiex garanziji bankarji ohrajn imposti fuq operaturi ohra fl-istess qasam, u li l-mizuri mplimentati ma gewx mehuda in konsiderazzjoni, dawn gew ribattuti mill-ERA, filwaqt li lappellant naqset milli taghti sosten ghall-allegazzjonijiet mressqa rigward l-valur ta' garanziji bankarji imposti mill-ERA fuq operaturi ohra fl-istess qasam.
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad dawn l-aggravji.

Decide:
In vista ta' dak hawn diskuss, it-Tribunal jilqa b'mod limitat l-appell odjern u jordna lill-ERA sabiex taghmel revizjoni tal-multi ghal kull gurnata li jkunu sospizi mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni odjerna li saret fil-4 ta' Jannar 2021.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-ERA huma s-segwenti:

1. It-Tribunal interpreta hazin il-L.S. 549.72. It-Tribunal qies li la darba l-ERA qieset il-proposta ta' zvilupp tal-applikant accettabbli sar ir-rimedju li ghalih inhareg l-Ordni ta' Waqfien OWK 35/20 u ghalhekk skont l-artikolu 8 tal-L.S. 549.72 l-Awtorita kellha tissospendi l-multa ta' kuljum mill-mument li giet sottomessa l-applikazzjoni ta' zvilupp. Dan fil-fehma tal-ERA hu zbaljat billi b'dan il-mod dak li hu illegali isir legali b'semplici applikazzjoni ta' zvilupp. It-Tribunal ma hax qies tar-regolament 9 li jghid li l-multa ta' kuljum tieqaf meta s-suggett li ghalih tkun inharget il-multa jitnehha jew jigi rimedjat a sodisfazzjon tal-Awtorita. Anki r-regolament 5(1) isahhah it-tezi tal-appellanta billi anki fejn hemm appell mill-ordni li jigi michud il-multa tkun dovuta mis-sittax-il jum wara l-hrug tal-ordni;
2. Id-decizjoni tat-Tribunal hi zbaljata billi ma tiehux kont tal-artikolu 60(1) tal-Kap. 549 li jrid li applikazzjoni ma tkunx approvata sakemm il-multi ma jigux mhallsa.

## L-ewwel aggravju

L-ERA ghandha ragun f'dan l-ilment. Jibda biex jinghad illi l-ordni ta' waqfien OWK 35/20 kien car. Saret ordni ghal twaqqif tal-attivita ta' dry cleaning u inghad hekk:

> "immedjatament titwaqqaf l-attivita ta' 'dry cleaning' b'uzu ta' 'solvents' u ma tinbeda l-ebda attivita ohra li tirrikjedi awtorizzazzjoni fuq is-sit, u jittiehdu dawn il-passi sabiex jieqaf il-ksur indikat hawn fuq billi:
> Jitnehha mis-sit, jew billi ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi jigi issigillat jew jingieb fi stat li ma jistax jithaddem, il-makkinarju ta' dry cleaning li juza solvents, fi zmien hmistax (15)-il jum min-notifika ta' dan l-Ordni."

Jidher, u dan mhux kontradett, illi din l-ordni giet appellata mill-applikant odjern (App 7/21SMS) u gie michud b'decizjoni tas-7 ta' Marzu 2024. Dan ifisser li kien hemm

ordni ta’ waqfien li baqa’ fis-sehh. Hu minnu li l-applikant ressaq applikazzjoni ta’ zvilupp 1000/21 sabiex irendi legali l-attivita li ghaliha inhareg ordni ta’ waqfien. Ma hemm ebda prova li l-applikant fil-frattemp mexa mal-ordni ta’ waqfien, anzi jirrizulta l-kuntrarju.

Fl-ordni ma kien hemm ebda talba ghal xi rimedju mitlub izda biss ordni skjett ta’ waqfien ta’ attivita bla permess tant li kif gia inghad sussegwentement intalab permess ta’ zvilupp. Ir-regolament 8 tal-L.S. 549.72 li jitkellem fuq is-sospensjoni ta-multi jghid hekk:

> “8. Kull meta l-Awtorita titlob is-sottomissjoni ta' Dikjarazzjoni tal-Metodu jew kwalunkwe dokument jew sottomissjonijiet ohra mill-persuna suggetta ghal multa ghal kull gurnata biex jispjega l-azzjonijiet ta' rimedju li ser jittiehdu biex ikunu rrimedjati l-offizi suggetti ghal multa ghal kull gurnata, l-Awtorita ghandha temporanjament twaqqaf milli jkomplu jakkumulaw il-multi ghal kull gurnata sakemm l-Awtorita tipprocessa d-dokumentazzjoni sottomessi lilha, liema multi ghal kull gurnata ghandhom jergghu jibdew jakkumulaw mill-jum li risposta formali tinghata mill-Awtorita jew wara d-data futura indikata fir-risposta bil-miktub moghtija mill-Awtorita sakemm is-sottomissjonijiet ma jissodisfawx it-talba tal-Awtorita.”

Ma saret ebda talba mill-ERA biex kontra min inharget l-ordni jaghmel xi sottomissjoni jew jipprezenta xi dokument. Lanqas intalab jispjega ruhu jew jaghmel xi azzjoni ta’ rimedju. Ghalhekk l-ordni fiha infisha stabbiliet att ta’ nuqqas ta’ konformita mil-ligi li baqghet tippersisti billi l-ordni giet konfermata anki wara appell mal-ordni. L-applikazzjoni ta’ zvilupp ma nehhietx l-effetti tal-ordni ghax applikazzjoni ma taghti ebda drittijiet izda biss proposta biex tigi kunsidrata mill-Awtorita u jekk skont il-ligijiet, pjanijiet jew policies vigenti tinghata l-approvazzjoni dan japplika ex nunc mhix ex tunc. Dan kollu jsib konferma fir-regolament 9 tal-L.S. 549.72 fejn il-multa titnehha meta s-suggett tar-raguni li ghalih inhareg l-ordni jigi rimedjat. F’’dan il-kaz ir-rimedju sehh biss mal-hrug tal-permess.

Ghalhekk l-aggravju ghandu mis-sewwa u qed jigi milqugh.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju mhux daqshekk pertinenti ghall-vertenza billi hu korollarju konsegwenzjali ghal fatt li jekk hemm multa pendenti allura l-permess jinhareg mal-hlas tal-multa. Id-decizjoni tat-Tribunal kienet dwar dak li ippreceda l-hrug tal-

permess cioe jekk u kemm hi dovuta l-multa mhux il-kundizzjoni per se tal-hlas tal-multa.

Ghalhekk dan l-aggravju mhux relevanti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-ERA u tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April 2024 billi tirrevokaha fejn it-Tribunal qies li l-multa kellha tapplika mid-data tal-applikazzjoni tal-izvilupp u tikkonfermaha ghal bqija u ghalhekk tikkonferma l-hrug tal-permess bil-kundizzjonijiet hemm imposti. Spejjez ghall-appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur